# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Sylvan Cilia**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Silvan Cilia** ID 70499M u li permezz tagħha huwa ġie akkużat :

"Talli f'16.03.2016 u ghal-habta ta' 16.00hrs gewwa residenza tal-Karmnu F/H ta' Xuffar l/o Siggiewi

1) Hebbejt ghal Danika Cilia u ikkagiunajtilha offiza ta' natura hafifa skond ma certifikat Dr Monica Camilleri MD Reg 3377
2) U aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni u l-Paci Pubbkliku b'ghajjat u glied
3) U aktar talli ghamilt ingurja jew theddid mhux imsemmija banda ohra fil-Kodici Kriminali u jekk kont provokat hrigta barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Danika Cilia
4) U aktar talli minghjar ma drobt jew sawwat heddidt bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin lil Danikla Cilia

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-art 383 tal-Kap 9"

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilu;

Wara li l-Qorti spjegatilu bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi illi jitnisslu mill-ammissjoni reġistrata minnu fis-sens li l-Qorti ser tgħaddi biex issibu ħati u tagħti piena skont il-liġi, li tista' tkun piena ta' priġunerija jew pieni pekunjarji oħra tagħatu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jerġa' lura minnha. Wara li ingħata żmien biżżejjed sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma għandhiex għażla għajr ħlief li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

# ***DECIDE***

Li għar-raġunijiet premessi, wara li rat l-Artikoli 221(3), 338(dd), 339(1)(b)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil Sylvan Cilia, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, qegħda tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, u sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-parte civile f'dan il-każ kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qegħda tobbliga lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' elfejn euro (€2000).

***Mogħtija fit-30 ta' Settembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***